MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 677/2002/1

**Omar Mifsud**

**vs**

**Soumia mart Omar Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-6 ta' Gunju l-attur talab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex il-konvenuta titwaqqaf milli tiehu l-minuri, Briam Mifsud barra minn Malta;

Illi permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1200/02, il-konvenuta giet imwaqqfa milli tiehu lill-minuri Brian Mifsud barra minn Malta jew jippermetti lil xi hadd jaghmel dan;

Illi l-attur ghandu nteress li dan l-ordni jsir permanenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol.17 tal-process fejn eccepiet illi:-

1. In linea preliminari n-nullita' tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1200/2002 *stante* li qatt ma gie notifikat b'dan il-mandat u konsegwentement n-nullita' ta' din ic-citazzjoni.

2. Fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi ma jezistu l-ebda ragunijiet validi u gusti ghaliex hija ghandha tigi inibita permanentement milli tiehu lill binha barra minn Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta a fol.17 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2002; tal-11 ta' Frar 2003 1999; tas-26 ta' Frar 2003;u tat-3 ta' April 2003;

Rat in-nota ta' l-attur li biha gie pprezentat l-affidavit tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2003;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha pprezentat l-affidavit taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2003; u tal-11 ta' Novembru 2003 fejn Dr John Buttigieg ghall-konvenuta pprezenta nota b'dokument u nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti tat zmien t'ghaxart ijiem lill-attur ghal nota

responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Jannar 2004.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) IL-VERTENZA ODJERNA.

Illi din hija kawza fejn missier qed jitlob illi l-minuri, iben ukoll il-konvenuta, ma jithalliex isiefer minn dawn il-gzejjer. Illi din il-kawza hija konsegwenti ghall-Mandat ta' Inibizzjoni (Nru 1200/02) fl-ismijiet premessi li gie degretat fis-6 ta' Gunju 2002.

Illi minn naha taghha l-konvenuta eccepiet in-nullita' tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1200/02 *stante* li qatt ma giet notifikata b'dan il-mandat u konsegwentement in-nullita' ta' din ic-citazzjoni. Illi mbaghad fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi ma tezisti l-ebda raguni valida ghaliex hija ghandha tigi inibita permanentement milli tiehu lil binha minuri barra minn Malta.

### (B). PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** izzewweg lill-konvenuta, cittadina tal-Marokk, fis-17 ta' Lulju 1999 u fit-3 ta' Frar 2000 kellhom tarbija Briam. Ir-relazzjoni tieghu ma' martu bdiet sejra hazin ftit xhur wara t-twelid ta' Briam tant li hija telqet mid-dar u marret tghix mal-familja Mizzi fejn qattghet ftit xhur u wara marret tghix ma' ragel iehor. Ilhom separati *de facto* kwazi tlett (3) snin. F'dan iz-zmien il-konvenuta allegatament dejjem theddu li titlaq lura l-Marokk bit-tifel u li hu ma jarahx aktar. Kienet tghidlu wkoll li tigi ommha mill-Marokk u tiehdu maghha. Infatti ommha gieli giet Malta. L-attur jibza' li t-tifel jista' jinhareg jew fuq passaport Marrokin jew li jitqieghed fuq il-passaport ta' ommu u b'hekk ma jergax jarah. Huwa qal li ghadu sa llum isib diffikulta' biex jarah billi meta jfettlilha l-konvenuta ma thallihx jarah. L-attur

kompla li huwa jrid li jkollu mohhu mistrieh li biex il-minuri jitlaq minn Malta dan irid isir bil-kunsens tieghu u mhux minn wara daru kif gara f'zewg okkazzjonijiet meta martu marret il-Marokk mat-tifel minghajr ma kien jaf l-attur meta l-passaport Malti li kellu t-tifel kien ghadu ma skadiex.

Illi fl-affidavit taghha **l-konvenuta** kkonfermat li hi ta' nazzjonalita' Marokkina. Hija qalet li qatt ma giet notifikata bil-mandat ta' inibizzjoni numru 1200/02. Hija xehdet li tghix separata minn ma' zewgha. Hija kellha titlaq mid-dar tan-nanna tieghu fejn kienu joqghodu peress li allegatament kien isawwatha u jaghmlilha hajjitha nfern. L-ahhar darba li ggieldu telqet ghax qalilha li jekk isibha d-dar kien se joqtolha. Minn dan iz-zwieg twieled tifel. Hija qalet li zewgha ma jmantnix lil ibnu u hija tghix bir-*relief*. Ilhom separati xi sentejn u nofs li fihom huwa mar biex jara lit-tifel xi ghoxrin darba. Hija qalet li mhux behsiebha tirritorna lejn il-Marokk ghaliex taf li fil-Marokk binha m'ghandu ebda futur. Pero' hija tkun tixtieq darba fis-sena biex ommha u missierha u membri ohra familjari jarawh u hija tarahom ukoll. It-tifel bhalissa m'ghandux passaport u zewgha ma jridx jiffirmalha u ghalhekk hi ma tistax tohrog lit-tifel barra minn Malta. Hija temmet li l-attur offra li jiffirmalha biss jekk hi jkollha x'taqsam mieghu pero' hi rrifjutat.

**<u>(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi preliminarjament il-konvenuta eccepiet in-nullita' tal-mandat Nru 1200/02 *stante* li hija qatt ma giet notifikata b'dan il-mandat u konsegwentement in-nullita' ta' din ic-citazzjoni.

Illi jinghad fl-ewwel lok li bhala stat ta' fatt huwa minnu li l-konvenuta ma gietx notifikata b'dan il-mandat. Dan jirrizulta mill-mandat innifsu li gie allegat fil-proceduri odjerni. Illi pero' din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-istess konvenuta. Infatti l-ligi fl-**artikolu 877 (2) tal-Kap.12** tghid testwalment li *"l-mandat ghandu jigi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom jew jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taht l-eta' u jkun jordnalhom biex ma jihdux, jew ihallu lil xi hadd jiehu, lil dik il-persuna ta' taht l-eta' barra minn Malta."* Illi

minn qari ta’ dan l-artikolu jirrizulta li huwa minnu li l-mandat irid jigi notifikat u dan *ai fini* li l-persuna jew persuni koncernati tkun jew ikunu ordnati biex il-minuri fil-kustodja legali jew attwali taghha jew taghhom ma jittiehdux barra minn Malta. Illi m’hemm xejn fl-imsemmi artikolu li jissanzjona n-nullita’ tal-mandat innifsu fin-nuqqas ta’ tali notifika. Illi *ubi lex voluit dixit.* Infatti jekk wiehed ihares lejn l-**artikolu 831 (3)** il-ligi nnifisha tissanzjona n-nullita’ tal-mandati li jinhargu minghajr id-dikjarazzjoni mwettqa bil-gurament imsemmija fis-**subartikolu 2 ta’ l-istess artikolu.** Isegwi li tali dispozizzjoni fejn tirrikjedi in-notifika tal-Mandat ta’ Inibizzjoni ma hijiex mehtiega *ad valididatem* ghalkemm dan in-nuqqas jista’ jaghti lok kemm ghall temperament jew apporzjonament ta’ l-ispejjez, kif ukoll ghall-proceduri ghal danni li jistghu jigu sofferti minhabba tali nuqqas ta’ notifika, li jirrizulta li mhux il-kaz odjern, *stante* li mill-atti processwali jirrizulta li l-istess konvenuta taf bl-ezistenza ta’ tali mandat. B’hekk din l-ewwel eccezzjoni ma tistax tintlaqa’ ghar-ragunijiet imsemmija.

Illi rigward il-mertu tal-kawza odjerna l-attur isostni li l-konvenuta gieli hedditu li tiehu lit-tifel il-Marokk u huwa ma jarahx aktar. Huwa xehed ukoll li kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn meta t-tifel ma kienx ghadu skadielu l-passaport il-konvenuta haditu l-Marokk bil-mohbi tieghu. Dan il-fatt ma giex kontestat. Illi minn naha taghha l-konvenuta regghet irritornat lura Malta bl-istess minuri minn jeddha. Hija xehdet fis-sens li gharfet il-htiega li binha jkollu edukazzjoni moderna f’pajjizna fejn ghalih ikunu jistghu jinfethu orizzonti ferm aktar wesghin milli kieku jghix il-Marokk. Illi pero’ hija wkoll ammettiet li tkun trid tiehu lill-minuri almenu darba f’sena l-Marokk biex jara lin-nanniet tieghu u lil xi membri familjari ohra taghha. Illi jigi rilevat hawnhekk li dan pero’ m’ghandux isir, kif diga’ sar, minn wara dahar l-attur li huwa l-missier ta’ l-istess minuri. Illi l-argument li l-passaport tal-minuri skada u li hemm bzonn il-firma ta’ l-attur li hu rrifjuta li jtiha m’huwa garanzija sufficjenti.

Illi l-konvenuta fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha qalet li hija s-Sekond’Awla tal-Qorti Civili li hija l-aktar Qorti

idoneja biex tiehu konjizzjoni tal-lanjanza odjerna minhabba li hi ma tistax tohrog lil binha minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla u dan ikun ifisser anqas spejjez u dewmien. Dwar dan jinghad li l-procedura li ttiehdet fil-kawza odjerna tinbeda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li hija l-Qorti idoneja u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tiddeciedi dwar l-istess. Anke din il-Qorti tista', kif fil-fatt ghamlet, taghmel il-valutazzjoni taghha tas-sitwazzjoni familjari bejn il-konjugi u tiddeciedi b'mod li jkun aktar jirrifletti c-cirkostanzi taz-zmien li fih tkun saret it-talba.  Ovvjament meta eventwalment issir tali talba din ghandha ssir quddiem il-Qorti kompetenti f'dawn il-Gzejjer li jkollha kompetenza f'dak iz-zmien ta' l-intavolar tat-talba.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa fl-interess suprem ta' l-istess minuri li fis-sitwazzjoni prezenti il-minuri m'ghandux jittiehed il-barra mill-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin taghha hlief b'ordni taghha u dan *stante* li jidher li l-istess minuri dejjem trabba' Malta u din l-istess Qorti ghandha thares li l-istess minuri almenu ghalissa jibqa' jitrabba fl-istess ambjent, fatt li s'issa taqbel mieghu l-istess konvenuta, b'dan li kull talba sabiex l-istess minuri jigi awtorizzat jitlaq minn dawn il-Gzejjer ghandha tingieb quddiem il-Qorti kompetenti, li ovvjament tanalizza *motu proprio* c-cirkostanzi kollha tal-kaz fid-dawl ta' l-interess massimu tal-minuri.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tinibixxxi lill-konvenuta milli tiehu lill-minuri Briam Mifsud barra minn Malta jew li tippermetti lil xi hadd li jaghmel dan, b'dan ghalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1200/2002 ghandu jibqa' *in vigore* sakemm ma jkunx hemm decizjoni ta' Qorti kompetenti Maltija li tordna r-revoka ta' tali Mandat u b'hekk id-decizjoni odjerna

ghandha tibqa’ ssehh sakemm l-istess minuri jsir maggorenni, salv jekk xi parti fil-kawza odjerna tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta permezz ta’ Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni. Tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza ghandha tkun notifika a spejjez attrici lill-Kumissarju tal-Pulizija, lill-Ufficjal Ewlieni tad-Dwana ta' Malta u lill-Ufficjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti u dak fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni mahrug fis-6 ta’ Gunju 2002 Numru 1200/02 kontra l-konvenuta, b’dan li n-notifiki fuq ordnati ghandhom jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------